MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### GINO CAMILLERI

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2008

Citazzjoni Numru. 1464/1998/1

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**(1) Carmelo Micallef Contractors Limited u b'digriet tat-12 ta Marzu 1999 fir-rigward tal-istess socjeta konvenuta l-atti gew legittimati fil-persuna tal-istralcjarji John Sammut u Emanuel Farrugia ghan-nom u in rappresentanza tal-istess socjeta**
**(2) Richard u Josephine mizzewgin Micallef u**
**(3) Raymond Micallef**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici ppremettiet:

Illi bit-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt datat 12 ta’ Gunju 1995, in atti Nutar Dottor Clyde La Rosa, s-socjeta’ attrici kkoncediet “overdraft facilities” lis-socjeta’ kummercjali konvenuta Carmelo Micallef Contractors Limited;

Illi s-socjeta’ attrici tinsab kreditrici tal-konvenuta socjeta’ kummercjali Carmelo Micallef Contractors Limited fis-somma ta’ mija u sebghin elf mitejn u hamsa u disghin liri Maltin (Lm170295) bilanc ghad-debitu fl-“overdraft account” ta’ Carmelo Micallef Contractors Limited mas-socjeta attrici (Dok “B1 sa B156) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta’ April 1998 sad-data tal-effettiv pagament;

Illi bit-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija f’skrittura privata datata 6 ta’ Novembru 1993 li qed tigi hawn ezibita u markata Dok “C”, il-konvenuti Raymond Micallef u Richard Micallef iggarantew flimkien u “in solidum” mas-socjeta’ kummercjali Carmelo Micallef Contractors Limited ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c, id-debiti tal-istess socjeta’ kummercjali Carmelo Micallef Contractors Limited mal-Bank of Valletta p.l.c sal-valur ta’ hamsin elf liri Maltin (Lm50000);

Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta’ tlett ittri ufficjali datati 1 ta’ April 1998 li kopja taghhom qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok “D”, Dok “E” u Dok “F”, sabiex ihallsu id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti m’ghandhiex:

(1) Tikkundanna lis-socjeta’ kummercjali Carmelo Micallef Contractotrs Limited u lil Richard u Josephine mizzewgin Micallef u Raymond Micallef jhallsu flimkien u “in solidum” bejniethom lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mija u sebghin elf, mitejn u hamsa u dighin liri maltin (Lm170295) bilanc

ghad-debitu fl-"overdraft account" ta' Carmelo Micallef Contractors Limited mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok "B1 sa B156") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' April 1998 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali datati 1 ta' April 1998 u tal-mandati ta' sekwestru li qed jigu prezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li gew ukoll ingunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn gie eccepit :-

1. Illi l-konvenuti Richard u Josephine mizzewgin Micallef u Raymond Micallef qed jeccepixxu preliminarjament ghaliex l-eccezzjonijiet iridu jinghataw limine litis:-

a) il-beneficcju tad-diskussjoni u minghajr pregudizzju ghal-premess

b) il-beneficcju tad-divizjoni;

2. Illi fil-mertu, salv illi jigi ppruvat l-ammont, il-konvenuti Richard u Josephine mizzewgin Micallef u Raymond Micallef jistghu jkunu debituri tas-socjeta' attrici sa l-ammont ta' LM50000 (hamsin elf lira) kif ippremittiet l-istess socjeta' attrici u ghaldaqstant l-ammont mitlub fic-citazzjoni huwa esagerat u mhux dovut kollu mill-konvenuti konjugi Micallef u Raymond Micallef;.

3. Illi fil-mertu, il-konvenuti kollha jecepixxu illi ma jaqblux ma l-ammont mitlub u dan ghaliex qieghdin jikkontestaw l-ammont ta' l-imghaxijiet kif mitluba;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta’ Frar 1999 minn fejn jirrizulta li d-difensur tal-konvenuti informa l-Qorti li fil-mori tal-kawza s-socjeta konvenuta tqighdet fi stat ta’ “voluntary liquidation” u hemm likwidaturi appuntati. Mill-istess verbal jirrizulta li l-Qorti (diversament presjeduta) nnotat li n-nota ta’ eccezzjonijiet giet presentata “fuori tempo” mentri jirrizulta li l-konvenut Raymond Micallef mhux notifikat ghalkemm gew presentati l-eccezzjonijiet f’ismu. Jirrizulta ukoll li d-difensur tal-konvenuti ddikjara li hu ma kienx awtorizzat jippresenta eccezzjonijiet ghan-nom tal-konvenut Raymond Micallef;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istralcjarji John Sammut u Emanuel Farrugia ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta’ konvenuta fejn gie eccepit illi l-ammont reklamat mill-Bank attur huwa eccessiv fis-sens illi minn meta waqaf jopera l-kont in kwistjoni (li jidher li huwa fl-10 ta’ Awissu 1995) il-Bank attur ma kellux jibqa’ jiddebita l-kont b’imghaxijiet komposti;

Rat id-dikjarazzjoni tal-istralcjarji John Sammut u Emanuel Farrugia ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta’ konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenut Raymond Micallef fejn gie eccepit:-

1. Illi t-talbiet attrici, in kwantu diretti kontra l-konvenut Raymond Micallef huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma tezisti ebda relazzjoni guridika bejn il-bank attur u l-istess konvenut Raymond Micallef;

2. Illi l-iskrittura privata, ossia “guarantee form” datata 6 ta’ Novembru 1993, gia ezebita mill-bank attur bhala Dok C, ma hiex iffirmata mill-konvenut Raymond Micallef u dan kif konfermat minn rapport redatt mill-espert forensiku Ivan Formosa (Dok RM1) li jiccertifika illi l-firma fuq din l-iskrittura allegatament ta’ Raymond Micallef ma gietx iffirmata minnu;

3. Illi ghalhekk l-eccipjent m’ghandux ibati ebda spejjez ta’ dawn il-proceduri;

4. Illi bla pregudizzju it-talbiet attrici huma wkoll infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-iskrittura de quo issemmi responsabilita’ sa massimu ta’ hamsin elf lira (Lm50000) u mhux l-ammont reklamat mill-attur;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Raymond Micallef debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat id-digriet taghha tat-13 ta’ Gunju 2000 li bih gie nominat bhala espert kaligrafu Martin Bajada, bl-inkariku li jesamina l-firma u l-inizjali li allegatament huma tal-konvenut Raymond Micallef fuq id-dokument ‘C’ mal-firma u l-inizjali proprji tal-istess konvenut Raymond Micallef u dana bil-fakoltajiet kollha soliti;

Rat id-digriet taghha tat-28 ta’ Novembru 2000 li bih gie sostitwit l-espert nominat u gie nominat minfloku bhala espert kaligrafu Dr. Anthony Abela Medici bl-istess fakoltajiet;

Rat id-digriet taghha tal-5 ta’ April 2001 li bih gie sostitwit l-espert nominat u gie nominat minfloku bhala espert kaligrafu Joseph Gaffiero bl-istess fakoltajiet;

Rat ir-rapport tal-abbli espert kaligrafu presentat u debitament konfermat bil-gurament fil-kors tas-seduta tat-2 ta’ Lulju 2002;

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta’ Jannar 2004 minn fejn jirrizulta li s-socjeta konvenuta ddikjarat li saru l-verifiki tad-dokumenti esibiti mill-bank attur fl-ahhar seduta u rrizulta li l-ammont indikat fil-prospett hu korrett;

Semghet ix-xhieda prodotti mis-socjeta attrici;

Semghet ix-xhud prodott mis-socjeta konvenuta;

Rat li l-kawza giet differita biex tinghata s-sentenza;

Ikkonsidrat:

Mill-provi prodotti jirrizulta sufficjentement pruvat li bhala konsegwenza tal-kuntratt tat-12 ta’ Gunju 1995 fl-atti tan-Nutar Dottor Clyde La Rosa, il-bank attur ikkonceda facilitajiet ta’ “overdraft” lis-socjeta’ konvenuta. Illi bi skrittura privata tas-6 ta’ Novembru 1993 (Dokument C) il-konvenuti l-ohra Raymond Micallef u Richard Micallef flimkien u in solidum mas-socjeta konvenuta, ggarantew a favur tal-bank attur id-debiti tal-istess socjeta’ kummercjali mal-istess bank u dana sal-ammont ta’ hamsin elf liri Maltin (Lm50000);

Fic-citazzjoni l-bank attur qed jippretendi li hu kreditur tas-socjeta’ konvenuta fis-somma ta’ mija u sebghin elf mitejn u hamsa u disghin liri maltin (Lm170295) bilanc ghad-debitu inkors bhala konsegwenza tal-imsemmija faciltajiet bankarji li gew koncessi lill-istess socjeta konvenuta oltre l-imghax ulterjuri mill-1 ta’ April 1998 sad-data tal-effettiv pagament. Il-bank attur jippremetti li l-konvenuti gew interpellati b’ittri ufficjali sabiex ihallsu s-somma fuq indikata pero’ l-konvenuti baqghu inadempjenti. Ghalhekk il-bank attur qed jitlob li l-konvenuti jigu kundannati li flimkien u “in solidum” bejniethom ihallsu l-imsemmi ammont oltre l-imghaxxijiet ulterjuri;

Fin-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenuti kollha fl-ewwel lok il-konvenuti Richard u Josephine konjugi Micallef u l-konvenut Raymond Micallef invokaw favur taghhom il-beneficcju tad-diskussjoni u l-beneficcju tad-divizjoni. Fit-tieni lok l-istess konvenuti konjugi Micallef u Raymond Micallef eccipew li, salv illi jigi ppruvat l-ammont mitlub, huma jistghu jkunu debituri tal-bank attur biss sa l-ammont ta’ Lm50000 (hamsin elf lira). Fit-tielet lok il-konvenuti kollha eccipew li l-ammont mitlub mhux korrett u dan relattivament ghall-imghaxxijiet kif kalkolati;

In vista ta’dak li gie dikjarat fil-kors tas-seduta tad-9 ta’ Frar 1999 l-eccezzjonijiet indikati fil-paragrafu precedenti ghandhom jitqiesu li huma l-eccezzjonijiet tal-konvenuti konjugi Micallef biss u dan stante li l-istralcjarji tas-socjeta konvenuta ppresentaw nota ta’ eccezzjoniiet ohra ghan nom tal-istess socjeta konvenuta, filwaqt li l-konvenut Raymond Micallef ippresenta nota ta’ eccezzjonijiet ohra u dan wara li rrizulta li l-istess konvenut qatt ma ta’ struzzjonijiet biex jigu presentati f’ismu l-eccezzjonijiet indikati fil-paragrafu precedenti;

L-istralcjarji John Sammut u Emanuel Farrugia ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta’ konvenuta qed jeccepixxu li l-ammont reklamat huwa eccessiv stante li meta s-socjeta konvenuta waqfet topera ma kellhomx jigu kalolati imghaxxijiet komposti;

Il-konvenut Raymond Micallef eccepixxa li ma tezisti ebda relazzjoni guridika bejnu u l-bank attur. Jeccepixxi ukoll li l-imsemmija skrittura tas-6 ta’ Novembru 1993 mhux iffirmata minnu. Finalment eccepixxa li, fi kwalunkwe kaz l-imsemmija skrittura ssemmi responsabilita’ sa massimu ta’ hamsin elf lira maltin (Lm50000);

F’dawn il-proceduri, in konnessjoni mal-eccezzjoni tal-konvenut Raymond Micallef dwar il-firma tieghu fuq l-imsemmija skrittura, gie nominat bhala espert kaligrafu Joseph Gaffiero li kellu jesamina il-firma u l-inizjali li jidhru

fuq l-imsemmija skrittura u jqabbilhom mal-firma u inizjali tal-konvenut Raymond Micallef;

L-imsemmi espert kaligrafu kkonkluda li l-firem li jidhru li huma tal-konvenut Raymond Micallef fuq l-imsemmija skrittura in effett m'humiex tal-istess konvenut u huma foloz. Ma jirrizulta xejn li jista jgieghel li dawn il-konkluzjonijiet jigu varjati jew mibdula. Dawn il-konkluzjonijiet ghalhekk qed jigu adottati minn din il-Qorti, li ukoll qed tghamilhom taghha. Konsegwentement l-eccezzjoni li ma tezisti ebda relazzjoni guridika bejn l-istess konvenut u l-bank attur ghandha tigi akkolta. Kif ukoll ghandha tigi akkolta l-eccezzjoni tal-istess konvenut li huwa ma ffirmax l-iskrittura tas-6 ta' Novembru 1993. Konsegwentement ukoll it-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut Raymond Micallef ghandhom jigu michuda;

Jibqa ghalhekk li jigu esaminati l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta u dawk tal-konvenuti konjugi Micallef. Is-socjeta konvenuta qed teccepixxi li l-ammont reklamat huwa eccessiv stante li meta s-socjeta konvenuta waqfet topera l-imghaxxijiet ma kellhomx jigu kalolati bhala imghaxxijiet komposti. In effett jirrizulta li sakhemm ma saritx dak li jissejjah il-"call in" minn naha tal-bank attur l-imghaxxijiet kienu qed jigu kalkolati bhala komposti. Wara li sar l-imsemmi "call in" l-imghax beda jigi kalkolat bhala imghax semplici. Jista jitqies li s-socjeta konvenuta rtirat l-eccezzjoni taghha jew ammettiet it-talbiet attric I fil-konfront taghha, meta ddikjarat, fil-kors tas-seduta tal-15 ta' Jannar 2004, li mhux kontestat li sal-gurnata tal-"call in" l-imghaxxijiet setghu jigu kalkolati b'mod compost pero' minn dak in-nhar tal-"call in" l-istess imghaxxijiet iridu jigu kalkolati b'mod semplici. Ghalhekk id-data minn meta l-imghax jibda jigi kalkolat bhala imghax emplici hi d-data tal-"call in" u mhux meta d-debiitur jieqaf jopera. Inoltre l-istess socjeta konvenuta iddikjarat li saru l-verifiki tad-dokumenti esibiti mill-bank attur u rrizulta li l-ammont indikat fil-prospett (dok.JM4) hu korrett. Fid-dawl ta' dan kollu jista jitqies li s-socjeta konvenuta qed taqbel li l-ammont mitlub hu fil-fatt l-ammont li kien dovut fil-gurnata tal-presentata tac-citazzjoni;

Il-konvenuti konjugi Richard u Josephine konjugi Micallef invokaw a favur taghhom il-beneficcju tad-diskussjoni u l-beneficcju tad-divizjoni. L-istess konvennuti eccipew li, semmai, huma jistghu jkunu debituri tal-bank attur biss sa l-ammont ta’ Lm50000 (hamsin elf lira). Fl-ewwel lok ghandu jinghad li la darba l-konvenuti konjugi Micallef qed jiggarantixxu d-dejn tas-socjeta konvenuta a favur tal-bank b’mod solidali u flimkien l-istess socjeta konvenuta, l-beneficci invokati mhux applikabbli. Mill-banda l-ohra jirrizulta li huma ggarantew l-istess dejn sa ammont limitat u dan kif jirrizulta mill-iskrittura in kwestjoni. Ghalhekk – istess konvenuti konjugi Micallef ma jistghux jigu ritenuti responsabbli ghall-ammonti kollu dovut mis-socjeta u cioe l-istess konvenuti mhux responsabbli ghar-rigward tal-ammonti li jissuperaw l-imsemmi limitu. Ghalhekk din l-eccezzjoni timmerita li tigi akkolta;

Mill-banda l-ohra mill-provi kollha prodotti t-talbiet tal-bank attur, kwantu ghall-ammont mitlub, jirrizultaw sufficentement pruvati;

In vista ta’ dan kollu jirrizulta li l-bank attur hu kreditur tas-socjeta konvenuta fis-somma mitluba. Jirrizulta ukoll li l-konvenuti konjugi Richard u Josephine Micallef huma garanti solidali mas-socjeta konvenuta versu l-bank ghar-rigward tal-hlas lura tad-dejn tas-socjeta konvenuta pero’ sal-ammont ta’ hamsin elf liri maltin (Lm50000) u mhux aktar. Jirrizulta ukoll li t-talbiet attrici fil-konfront tal-knvenut Raymond Micallef ghandhom jigi michuda;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tilqa l-eccezzjonijiet tal-konvenut Raymond Micallef dwar in-nuqqas ta’ relazzjoni guridika bejnu u bejn il-bank attur u tilqa ukoll l-eccezzjoni tal-istess konvenut rigwardanti l-firem fuq l-iskrittura document ‘C’ u konsegwentement tichad it-talbiet kollha attrici fil-konfront tal-istess konvenut Raymond Micallef.

Tiddeciedi billi fit-tieni lok tilqa l-eccezzjoni tal-konvenuti konjugi Micallef fis-sens li r-responsabilita’ taghhom hi limitata sas-somma ta’ hamsin elf liri maltin (Lm50000) u b’hekk l-istess konvenuti konjugi Micallef qed jigu kundannati, bhala garanti flimkien u in solidum mas-socjeta konvenuta, biex ihallsu d-dejn in kwestjoni tas-socjeta konvenuta, pero’ mhux id-dejn kollu izda sa massimu ta’ hamsin elf liri maltin (Lm50000) ekwivalenti ghal mija u sittax il-elf erba’ mija u tmienja u sittin punt sebgha u sittin euro (€116468.67) mill-istess dejn. Tichad l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tal-istess konvenuti konjugi Micallef.

Tiddeciedi billi fit-tielet lok tilqa t-talbiet kollha tal-bank attur fil-konfront tas-socjeta konvenuta u kwindi tikkundanna lis-socjeta’ kummercjali konvenuta Carmelo Micallef Contractotrs Limited thallas lill-bank attur is-somma ta’ mija u sebghin elf, mitejn u hamsa u dighin liri maltin (Lm170295) ekwivalenti ghal tlett mija u sitta u disghin elf sitt mija u tmenin punt erbgha u sittin euro (€396680.64) bilanc tad-debitu dovut lill-istess bank attur bhala konsegwenza tal-facilitajiet bankarji koncessi lill-istess socjeta konvenuta u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mill-1 ta’ April 1998 sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha jithallsu mis-socjeta konvenuta ad eccezzjoni tal-ispejjez tal-konvenut Raymond Micallef li ghandhom jithallsu mill-bank attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------